# Il-Mużika fil-Festa Maltija (VIII):
# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni [it-tielet parti]



**Mro Manoel Pirotta**

DNESM (Lyon) [M.A.] Dip CNR (Lyon) [B.A. (Hons.)]
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) [Melit.]

Fit-tieni parti tal-artiklu dwar il-Marċ tal-Inkoronazzjoni tajna ħarsa lejn sehem il-baned Maltin fil-festi tal-inkoronazzjoni ta' Prinċep Philip u martu Eliżabetta II li seħħew f'pajjiżna f'Mejju tal-1954 u komplejna naraw aktar xogħlijiet ta' kompożituri barranin fl-okkażjoni ta' inkoronazzjonijiet fi żminijiet differenti. Ġieli kien il-każ, li avvenimenti simili, jew aktar minn hekk, iż-żjarat minn membri tal-familja rjali Ingliża f'pajjiżna ħallew l-impatt tagħhom fuq il-poplu Malti b'tali li mod li wħud mill-baned tagħna, speċjalment dawk b'sentiment lejn il-monarkija Britannika, issemmew għalihom. Minn dawk sibt tal-anqas tmienja, bl-ewwel tlieta jiġu ttrattati f'dil-parti tal-artiklu.

**Għaqda Karmelitana u Banda 'Queen Victoria' [A.D. 1865] taż-Żurrieq:**

Fil-bidu nett li twaqqfet, dil-banda, bħal kull banda oħra bikrija, tgħammdet b'isem pajjiżha – *Filarmonica del Zurrico*. Bil-Kavallier Charles dei Marchesi Zimmermann Barbaro bħala t-tieni President tas-Soċjetà, fl-1884, il-banda tlaqqmet bħala *Società Filarmonica del Cavaliere* (il-Banda tal-Kavallier). Fl-istess sena nqala' xi diżgwid bejn iż-żewġ fazzjonijiet politiċi u seħħet il-firda fi ħdanha bil-konsegwenza li xxettlet banda ġdida – *Filarmonica 'Mannarino'*. Sena wara, iż-żewġ baned paċew u reġgħu ngħaqdu f'banda waħda – *La Concordia*. Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, dil-banda ngħaqded maċ-*Circolo 'La Stella'* u bidlet isimha f'*Società Madonna del Carmine*. Minn dakinhar 'il quddiem



L-inkurunazzjoni tar-Reġina Vittorja fl-1837 impittra minn George Hayter (1792-1871)




L-emblema tal-Banda Karmelitana fiż-Żurrieq

waqgħet taħt il-ħarsien tal-Każin Soċjali tal-Karmnu.

L-isem preżenti tagħha ħaditu minn banda Slimiża bl-istess isem. Hija twaqqfet fl-1904, b'Mro



Id-Duka ta' Connaught (1850–1942)

Ferdinandu Camilleri (1859-1942) bħala surmast-direttur u kellha każin fi Pjazza Sant'Anna f'Tas-Sliema fejn kienet iddoqq bl-uniformi tagħha. Skont RMB: 'Il-banda 'Queen Victoria' [dik Slimiża] kienet waħda popolari u ta' kultura kbira li kienet tħabbatha mal-aqwa baned ta' żmienha, kienet banda formalissima, numeruża, u filli mimlija ħeġġa u ħajja, u f'waqt infniet u mietet.'

L-uniformi u isimha nbiegħu lill-banda Żurriqija. Dan kollu ġara fl-1908. Fil-każin tal-banda Karmelitana Żurriqija wieħed jilmaħ bandalora artistika bix-xbieha tar-Reġina Vittorja fuq sfond ikħal li ngħatat fl-1951 fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju tal-Karmnu u għeluq il-150 sena mit-twaqqif tal-fratellanza fil-parroċċa taż-Żurrieq. Il-bandalora, iddisinjata minn mastru



L-emblema tal-Banda Karkariża 'Duke of Connaught's Own'

Emanuel Buhagiar, inħadmet f'Milan, l-Italja, u saret a spejjeż tal-membri tal-Għaqda Karmelitana u Banda 'Queen Victoria'.

Il-profil tar-Reġina Vittorja: Hija twieldet f'familja rjali fl-24 ta' Mejju 1819, iż-żgħira fost ħamest aħwa, ulied il-Prinċep Dwardu, Duka ta' Kent u Strathearn [iben ir-Re Ġorġ III (1767-1820)] u l-Prinċipessa Vittorja ta' Saxe-Coburg-Saalfeld (1786-1861).

Mal-mewt ta' missierha fl-1820, kollox kien jidher li hija kienet se tkun il-ħames eredi tat-tron Britanniku. Ta' 18-il sena laħqet Reġina tal-Gran Britannja u l-Irlanda wara mewt ir-Re Guliermu IV (1765-1837). Tliet snin wara hija żżewġet lil Francis Albert Augustus Charles Emmanuel (1819-1861), prim kuġin tagħha, li miet qasir il-għomor. Minn daż-żwieġ huma kellhom disat itfal, bir-Re Dwardu VII (1841-1910) jilħaq minflok ommu. Bl-istess mod, George Frederick Ernest Albert (1865-1936), laħaq minflok missieru, ir-Re Dwardu VII, u sar ir-Re Ġorġ V. Huwa kien jiġi n-nannu tar-Reġina Eliżabetta II, imwielda fl-1926.



Ir-Regina Alessandra (1844-1925)

Peress li r-renju tagħha dam ħafna, il-Gran Britannja għamlet

ikompli f'paġna 26



Impressjoni artistika tas-Sirena Daniża maħduma fil-bronż

# Il-Marċ tal-Inkoronazzjoni

ikompli minn paġna 16

progress enormi fl-oqsma kollha possibbli, fosthom l-industrija, il-pulitka, ix-xjenza u l-militar. Fi żmienha nbnew il-ferroviji u nħolqot sistema ta' trasport ta' taħt l-art, filwaqt li l-Imperu Ingliż infirex sew barra mill-Ewropa, fosthom Malta, li sa dak iż-żmien kienet għadha ma tifformax parti sħiħa minn dal-kontinent. Tul ħajjitha, ir-Reġina Vittorja sfat vittma ta' mhux anqas minn seba' attentati fuq ħajjitha. Fl-istorja Ingliża (1820-1914) ir-renju tagħha jimmarka l-era hekk imsejħa 'Vittorjana'.

**Każin Santa Liena, Banda 'Duke of Connaught's Own' ta' Birkirkara [A.D. 1865]:**

Dal-isem kien ingħatalha f'seduta tas-Soċjetà li saret fl-1903. L-istorja kollha bdiet fiż-żmien meta l-A.R.T. id-Duka ta' Connaught, il-Prinċep Arthur, bin ir-Reġina Vittorja, kien ġej u sejjer Malta bħala Spettur Ġenerali tal-Forzi Ingliżi fil-Mediterran. Bħal ħafna baned oħrajn ta' żmienha, il-banda Karkariża riedet tagħmel uniformi militari ġdida għaliha. Għaldaqstant, intbagħtet kummissjoni biex tgħarraf lid-Duka b'dil-proposta, li min-naħa tiegħu aċċetta, saħansitra offra li tissemma għalih. Dan kollu ġie konfermat permezz ta' ittra uffiċjali mibgħuta miċ-*Chief Secretary's Office* bid-data tat-23 ta' Marzu 1903.

Waqt seduta tas-Soċjetà ttieħdet id-deċiżjoni li l-isem il-ġdid tal-banda kellu jkun *Circolo Sant'Elena e Filarmonica Duke of Connaught*. Il-banda mbagħad, taħt id-direzzjoni ta' Mro Raffaele Ricci (1839-1904), ġiet mistiedna biex tesegwixxi programm magħżul fil-ġnien privat ta' San Anton fejn kien joqgħod id-Duka fix-xhur sħan tas-sajf.

**Il-profil tad-Duka ta' Connaught u Strathearn**

Il-Prinċep Arthur twieled fil-palazz ta' Buckingham fl-1 ta' Mejju 1850, is-seba' wild u t-tielet mit-tfal subien tar-Reġina Vittorja (1819-1901) u l-Prinċep Albert (1819-1861) ta' Saxe-Coburg u Gotha. Il-ġibda kbira li kellu lejn il-militar wasslitu biex eventwalment jokkupa karigi militari għoljin fil-Gran Britannja u fl-imperu Ingliż inġenerali. Ftit qabel ma żżewweġ lil Prinċipessa Louise Margaret (1860-1917), bint wieħed mill-prinċpijiet Prussi – fiż-żmien meta l-Ġermanja ngħaqdet taħt ir-re tal-Prussja – Arthur ingħata t-titlu ta' Duka ta' Connaught u Strathean. Miż-żwieġ tagħhom kellhom tliet ulied.

Bħala karriera, id-Duka serva mal-forzi Ingliżi bħala uffiċjal tal-armata fil-kampanja tal-Eġittu (1882) u f'dik tal-Indja (1886-1890), sa ma kompla tiela' fil-karigi militari biex laħaq uffiċjal tal-ogħla rank fi ħdan l-armata Ingliża bħala *Field Marshall* fl-1902. Fl-1907 intbagħat Malta bħala l-kap tal-forzi armati kollha tal-pajjiż fil-kapaċità ta' *Commander-in-Chief* u kummissarju għoli għall-Mediterran.

Huwa wasal Malta fl-4 ta' Jannar 1908 flimkien mad-Dukessa martu u mal-Prinċep Louis Battenburg (1854-1921), missier l-imsemmi Konti Mountbatten (1900-79). F'Malta, kien jgħammar fil-Palazz, il-Belt, u fil-Palazz ta' San Anton. Kien ukoll Gvernatur Ġenerali tal-Kanada (1911-16). Fl-1910 inħatar Gran Prijur tal-Ordni ta' San Ġwann u baqa' f'dil-pożizzjoni sal-1939. Miet fis-16 ta' Jannar 1942.

**Is-Soċjetà Mużikali 'Queen's Own' (issa reġgħet saret 'La Vincitrice') [A.D. 1871] tal-Isla:**

Fil-bidu li twaqqfet, dil-banda kien jisimha *La Vincitrice*, u fi żmien qasir, tant għamlet progress taħt Mro Carmelo Abela Scolaro (1850-1918) li bdiet tissejjaħ *'La Vincitrice e Progresso'*. Skont RMB : 'Fl-1904... biddlet isimha f'dak ta' *Queen's Own*. Għaliex tgħammdet b'dal-isem bqajna ma nafux. Forsi biex timita l-Banda *Prince of Wales* billi biddlet isimha f'dak ta' *King's Own* u hekk ikollna banda oħra *Queen's Own*? Jista' jkun. Aħna nafu biss li tgħammdet hekk minn tazza tal-fidda mogħtija mill-Banda Nazzjonali *La Valette*, ħbieb kbar, ħobża u sikkina.' Iżda minn sorsi infurmati oħrajn nsiru nafu li dil-banda qalbet isimha f'ġieħ ir-Reġina Alessandra (1844-1925), mart ir-Re Dwardu VII (1841-1910) tal-Ingilterra, wara li l-koppja rjali kienet żaret pajjiżna fis-16 ta' April 1903. Dal-ġest tant intlaqa' tajjeb mir-Reġina, li permezz ta' proklama uffiċjali tal-5 ta' Awwissu tal-istess sena, ingħata l-permess biex il-banda tibda ġġib l-istemma rjali fuq l-istandard tagħha.

**Il-profil tar-Reġina Alessandra**

Hija twieldet id-Danimarka fl-ewwel ta' Diċembru 1844. Fl-1864 missierha sar ir-Re tad-Danimarka u ħuha r-Re tal-Greċja, filwaqt li oħtha Dagmar iżżewġet lill-Kżar tar-Russja. Maż-żwieġ tagħha ma' Dwardu VII fl-1863, Alessandra saret awtomatikament ir-Reġina tar-Renju Unit, tad-dominji Britanniċi u aktar tard Imperatriċi tal-Indja (1901-10). Miż-żwieġ tagħhom huma kellhom sitt itfal, bil-kbir, Albert Victor, Duka ta' Clarence, imut traġikament żgħir fl-1892 fl-età ta' 28 sena.

Fis-16 ta' April 1903 l-koppja rjali ġiet Malta fuq żjara uffiċjali fejn, fost affarijiet oħra, kien maħsub li titqiegħed l-ewwel ġebla tal-*breakwater* fid-daħla tal-Port il-Kbir. Iċ-ċerimonja ġiet posposta b'jumejn minħabba l-maltemp. Mro Giuseppe Parisi, li dak iż-żmien kien surmast-direttur ta' dil-banda, kiteb marċ apposta f'ġieħha biex tibqa' mfakkra dil-ġrajja. Hija mietet fl-20 ta' Novembru 1925.

Kif f'ħafna pajjiżi Ewropej, fosthom id-Danimarka, jeżistu leġġendi dwar is-sirena, hekk ukoll f'Malta nsibu minnhom b'rabta mal-belt Sengleana. Waħda minnhom tittratta proprju l-Għar tas-Sirena. Darba fost l-oħrajn, wieħed baħri raha u sar iħobbha, iżda malli resaq biex ibusha nbidlet fi statwa tal-ġebel. Fil-belt kapitali Daniża wkoll insibu statwa ta' sirena maħduma fil-bronż. L-imħabba tar-Reġina lejn il-Belt Sengleana jista' jkun li nibtet minħabba f'hekk.